HAL BALZAN

IL-HAMES SENA NRU. 25 | LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU | SETTEMBRU/OTTUBRU 1975

EDITORJAL

IL-FESTA LI GHADDIET

Mill-kummenti li smajna, sew minn Balzanin kif ukoll minn nies oħra li ġew għall-festa ta' l-Annunzjata, nistgħu ngħidu li kulħadd baqa' mistagħġeb kif raħal ċkejken bħal Ħal Balzan jasal biex jagħmel festa hekk kbira. U tabilħaqq kienet festa kbira, festa li żgur ma ssirx kieku ma jkollokx nies li jħobbu tabilħaqq raħal twelidhom, nies li jinteressaw ruħhom u li jafu jaħdmu id f'id, nies li lesti jagħmlu sagrifiċċji kbar mhux biss ta' ħinhom iżda wkoll ta' buthom. Nies bħal dawn Ħal Balzan għandu ħafna, u tarahom is-sena kollha miġburin fiż-żewġ każini medhijin biss bil-festa u l-armar u dak kollu li ġġib magħha. Lil dawn in-nies, lid-dilettanti tan-nar, u lil oħrajn li jaħdmu għar-raħal b'mod ieħor aħna nirringrazzjawhom f'isem il-Balzanin kollha u nħeġġuhom sabiex jibqgħu jaħdmu għall-ġid tar-raħal u l-festa tiegħu.

Suġġeriment wieħed li nixtiequ nagħmlu għandu x'jaqsam mal-Ġimgħa, l-aħħar jum tat-tridu. Din is-sena f'dan il-jum kellna żewġ baned idoqqu l-marċi mar-raħal — il-banda ta' Ħal Balzan u banda barranija. Dan, aħna tal-fehma, huwa ftit tal-ħela, l-aktar meta tiftakar li wkoll fi rħula u bliet ferm akbar minna fl-aħħar tat-tridu l-banda tal-post biss iddoqq. Terġa', meta jkollok żewġ baned il-poplu jkollu fejn jixtered u jista' jiġri li xi banda minnhom issib ruħha bi ftit nies u l-marċ jitmewwet. Għalhekk nissuġġerixxu li filwaqt li l-banda tar-raħal tibqa' tagħmel il-marċ tagħha fl-aħħar jum tat-tridu, kif inhi drawwa antika li jsir kullimkien, il-banda barranija tinġieb tagħmel il-marċ il-Ħamis, it-tieni jum tat-tridu. B'hekk, il-festi esterni jestendu ruħhom b'jum ieħor, il-poplu jkollu aktar fiex jiddeverti, u l-festa tagħna tikber.

Iż-żewġ każini u l-kumitat tan-nar ħaqqhom prosit ukoll din is-sena li reġgħu ħasbu biex jistampaw xi programmi għall-festa. Il-Kumitat tan-Nar qassam fid-djar il-programm kollu tan-nar, il-Każin 'Marija Annunzjata' stampa programm bis-sehem tal-każin fil-festa titulari, flimkien mar-rendikont tal-festa tas-sena li għaddiet, fil-waqt li l-Każin 'San Gabriel' stampa 'posters' kbar bl-Ingliż dwar il-festa li tqassmu fil-lukandi u f'diversi ristoranti ta' Malta — inizjattivi tabilħaqq sbieħ u ta' min jinkoraġġihom għas-snin li ġejjin.

Kelma żgħira dwar il-festi li jsiru fil-knisja. Filwaqt li nifirħu lill-Kappillan u l-kleru tal-Parroċċa, u lis-sagristan u 'l dawk kollha li jgħinu, ma nistgħux ma nurux id-dispjaċir tagħna li s-suġġeriment li għamilna għal sentejn fuq xulxin minn fuq din il-gazzetta reġa' għal darb'oħra ma twettaqx. Is-suġġeriment tagħna kien li t-Tnejn u t-Tlieta ta' qabel il-festa jsiru xi ċelebrazzjonijiet fil-knisja bi tħejjija għall-festa li fihom jieħdu sehem iż-żgħażagħ, l-għaqdiet, il-familji tal-Parroċċa, u taqsimiet oħra tal-komunità parrokkjali. Dan is-suġġeriment għamilnieh għax dehrilna li huwa prattiku ħafna u ma jiltobx xi ħidma speċjali. Barra dan, aħna lesti li noffru l-għajnuna tagħna fl-organizzazzjoni ta' dak li jsir f'dawn il-jiem.

• għal paġna 2

IL-PITTURA TAL-KAPPELLUN TAR-RUZARJU

Ħafna kienu dawk il-Balzanin li ferħu meta, xi ġimgħat ilu, il-Kappillan, ir-Rev. Dun Karm Sciberras, ħabbar li, skond il-ftehim li sar mill-Kumitat tal-pittura u l-pittur, il-Kav. Emvin Cremona, il-pittura tal-kappellun tar-Rużarju għandha titlesta kollha kemm hi sal-festa titulari tas-sena d-dieħla. Stajna għidna li feraħ kulħadd, għaliex ilkoll kemm aħna ilna nistennew li naraw din l-opra mitmuma. Issa nittamaw li, wara l-ftehim bil-miktub li ġie ffirmat miż-żewġ naħat, ix-xewqa tagħna ser issir realta.

Illum kulħadd jifhem li l-prezz jew il-ħlas ma baqax dak li kien snin ilu; għalhekk nifhmu li għad iridu jinġabru l-flus biex tkun tista' titħallas is-somma kollha. Imma dan lilna ma jaqtgħalniex qalbna, għax nafu li l-Balzanin huma ġenerużi l-aktar fejn tidħol il-Knisja. Smajna li l-Kappillan wiegħed li jagħti somma mill-flus tas-Sala Parrokkjali bħala l-ewwel kontribuzzjoni, biex tiżdied mal-flus li kienu ġa ngabru u li kienu tqiegħdu fil-Banek.

Smajna li hemm anke xi benefatturi privati li esprimew il-ħsieb li, malli tinbeda l-pittura, huma jagħtu xi kontribuzzjoni tajba għall-istess skop.


Nagħmlu kuraġġ, mela, ngħinu rwieħna, u naslu.

IL-KNISJA PARROKKJALI (13)

IL-KOPPLA

DIN ID-DARBA JMISSNA NITHADDTU DWAR IL-KOPPLA, ĠMIEL U GHAXQA GHAL KULL MIN IHARES LEJHA, LI, IMQIEGHDA FUQ L-ERBA' PILASTRI MAĠĠURI, HI L-KURUNA TA' PREĠJU BLA QIES LI ŻŻEJJEN U SSEBBAH IL-KNISJA PARROKKJALI TA' DAN IL-POST.

Nibda billi ngħid li l-Koppla ta' Ħal Balzan tixbah min-naħa ta' barra koppli oħra ta' postijiet oħra, bħal ma huma: il-koppla ta' Ħaż-Żebbuġ, li bdiet tinbena fl-1599 fuq disinn ta' Vittorio Cassar (1); tixbah il-koppla ta' H'Attard, li nbniet fl-1613 fuq id-disinn ta' Tumas Dingli; kif ukoll tixbah lil dik tan-Naxxar ta' l-istess arkitett li nbniet fl-1616. (2) Il-Koppla tagħna tixbah lil dawn il-koppli msemmija għaliex huma fl-istruttura tagħhom ottagonali, iżda l-Koppla tagħna ma tixbahhom xejn dwar it-twieqi. Filwaqt li t-twieqi tal-koppli msemmija huma kollha żgħar fid-daqs, il-Koppla ta' Ħal Balzan għandha t-twieqi tagħha kbar.



Min iddisinja l-Koppla?

Fil-ħarġa tal-gazzetta tagħna ta' Marzu/April 1974, kont poġġejt il-mistoqsija: "Min għamel il-pjanta tal-Knisja?" (3) Minn dak inhar sal-ġurnata tal-lum għadna ma sibniex it-tweġiba eżatta; bqajna biss bis-suppożizzjonijiet. Din id-darba għandna l-Koppla quddiemna. Weħedha tiġik il-mistoqsija: "Imma min kien li ddisinja din il-koppla hekk majestuża?"

Fil-ħarġa tal-gazztta ta' Mejju/Ġunju 1974, kont għidt li fit-18 ta' Ottubru 1693, l-Isqof David Cocco Palmieri kien ra l-Knisja u billi kien hemm kwistjoni dwar it-tisqif tal-kappelluni prinċipali u tal-kor, dan l-Isqof kien ħatar lill-arkitett Lorenzo Gafa' u lill-imgħallem ta' l-Ordni Giovanni Barbara biex jeżaminaw sewwa dak li għandu jsir u b'hekk ikun jista' jitkompla l-bini tas-saqaf skond il-ġudizzju tagħhom (4).

Illum inħoss li għandi nagħmel mistoqsija oħra u ngħid: Meta Lorenzo Gafa' u Giovanni Barbara kellhom quddiemhom id-disinn u l-pjanta tal-Knisja biex jiddeċiedu dwar is-saqaf, kellhom ukoll, hekk għandi nifhem, id-disinn tal-Koppla. Nixtieq naf x'setgħu qalu għaliha. Kellhom xi darba x'jaqsmu mad-disinn tal-Koppla? Nafu biss li kif jingħad li Giovanni Barbara għamel id-disinn tas-Seminarju ta' l-Imdina, li beda jinbena fl-1732, poġġa żewġ "Cariatidi" jżommu l-gallarija, li jixbhu ħafna lil dawk li għandna fil-Koppla tagħna. (5).

Viżti Pastorali jitkellmu dwar il-bini tal-Koppla

Fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Cocco Palmieri, li għamel lill-Knisja Parrokkjali nhar l-20 ta' Settembru 1699 igħidilna li dak inhar sab li: "kien inbeda l-bini tas-Sagristija n-naħa tax-xellug tal-kor", u jkompli: "ser jibda l-bini tal-Koppla". (6).

Meta l-istess Isqof reġa' żar il-Knisja fl-20 ta' Mejju 1709, fir-relazzjoni ta' din il-Viżta, igħidilna li: "Cupola noviter constructa, et varis celaturi ex parte interiori interfenestras ornata"; fi kliem ieħor, dan l-Isqof igħidilna li "il-Koppla għadha kemm tlestiet u li min-naħa ta' ġewwa hija mżejna bi skultura li ddur mat-twieqi" (7).

Il-bini tal-Koppla skond il-kotba ta' l-Arkivju Parrokkjali

Il-Kotba ta' l-Introjti u ta' l-Esiti tal-Veneranda Lampada jgħidulna li l-Prokuraturi tal-Knisja, Dun Salv Debono u Dun Ġużepp Frendo, kienu rċevew kontribuzzjonijiet għall-bini tal-Koppla mingħand Pietru Sammut, Gio Batta Hagius, u mingħand Baskal Grech. Aktar tard insibu wkoll li bejn it-8 ta' Settembru u l-21 ta' Diċembru tal-1707 irċevew kontribuzzjonijiet għat-twieqi tal-lanterna mingħand Grezzju Psajla, Dun Ġużepp Frendo, Dun Marju Tonna (il-Kappillan), Gio Marija Zarb, Battista Hagius u mingħand in-Nutar Gio Paolo Troisi. (8).

Il-bini tal-Koppla kien tlesta fil-bidu ta' Ġunju tal-1707. Dan nistgħu ngħiduh, għaliex nafu li fil-5 ta' Ġunju 1707, skond il-ktieb tal-kontijiet, inxtara l-ġir mingħand Gio Marija Muscat u li nġab b'xejn minn Mikiel Muscat. Dan il-ġir inxtara biex tista' titkaħħal u titbajjad il-Koppla. L-għada nxtrat tavla tal-punent biex tintuża bħala pont għall-bajjada. Din it-tavla nxtrat u nġiebet mill-Belt.

Insibu wkoll li nhar il-21 ta' Lulju 1707 tħallas il-kont għal kwarta nbid u għall-ikel ta' dawk li kienu qed ibajdu

• għal paġna 4

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

TIFTIX U KITBA TA' **DUN ĠWANN DIMECH**

L'AMERICAN

MORRU GHAND

L'AMERICAN

GHAL AFFARIJIET TAL-MODA

KOLLOX B'NOFS PREZZ

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

• minn paġna 1

■ IS-SIĠAR TAL-MISRAĦ

Min żar 'il Ħal Balzan f'dawn l-aħħar xahrejn innota b'sodisfazzjon li l-Pjazza, jew kif konna nsibuha aħna l-Balzanin il-misraħ, hija ftit aħjar milli kienet qabel — il-Gvern ħaseb biex kabbar il-bankina, sew fuq in-naħa tal-kaxxa tat-telefon, kif ukoll quddiem il-Każin 'Marija Annunzjata'; barra dan tħawlu wkoll sitt siġriet sbieħ li rranġaw ħafna l-ambjent tal-misraħ tagħna li sa ftit ilu kien, tista tgħid, kważi għeri għal kollox. Għalhekk nifirħu u nroddu ħajr lill-Gvern li bl-inizjattiva tal-Kumitat Distrettwali wettaq din il-biċċa xogħol b'riżq ir-raħal tagħna, u fl-istess ħin nittamaw li jissokta jwettaq xogħlijiet oħra ta' fejda f'Ħal Balzan.

• IL-BALAVOSTRI FUQ IL-BEJT TAL-KNISJA

It-twaqqif tal-Kumitat tal-Pittura u x-xogħol li s'issa wettaq dan il-kumitat urewna biċ-ċar li meta rridu aħna l-Balzanin nafu nieħdu l-affarijiet bis-serjetà u ħaġa li għandha ssir issir. Dak li qed jiġri fil-każ tal-pittura tal-Kappellun tar-Rużarju jista' jiġri wkoll fil-każ tal-balavostrar tal-bejt tal-knisja.

Bħalma jafu l-Balzanin kollha, il-qatt minsi Konti Bernardo Manduca, qabel miet, ħalla somma flus sabiex il-bejt tal-knisja jiddawwar b'apramorta bil-balavostri u b'hekk il-knisja tieħu dehra oħra minn barra. Kif jaf kulħadd, dan ix-xogħol s'issa għadu ma sarx minkejja li ħafna mill-ġebel kien ġa ttella' fuq il-bejt tal-knisja. Ir-raġuni li nġabet mill-ġunta ta' l-estetika tal-Kurja kienet li l-balavostri ma jmorrux ma' knisja ta' l-istil tagħna.

Aħna m'aħniex se nidħlu fil-merti ta' dawn in-nies, għalkemm bosta periti oħra wrew fehmithom bil-miktub u qablu ma' li x-xogħol għandu jsir. Aħna nafu biżżejjed kemm il-Kappillan u l-Kanonku Spir Sammut ħadmu u stinkaw biex din l-opra sseħħ. Li nixtiequ nissuġġerixxu huwa li jinħatar kumitat ta' Balzanin li jieħdu l-biċċa f'idejhom, imexxu l-każ sabiex jiġi mistħarreġ tajjeb, u jekk il-balavostri jiġi deċiż li jsiru, allura jsiru, u jsiru mill-aktar fis la hemm il-flus għalihom. Ma jagħmilx sabiħ li nagħtu l-impressjoni li f'Ħal Balzan biex issir xi ħaġa jrid igħaddi ħafna żmien.

ŻEWĠ ABBATINI BALZANIN IMORRU L-VATIKAN

Fost it-tletin abbati minn diversi parroċċi f'Malta u Għawdex li din is-sena marru jagħmlu s-servizz tagħhom fil-Bażilka ta' San Pietru fil-Vatikan, insibu tnejn mill-Parroċċa tagħna ta' Ħal Balzan. Dawn huma Tonio Caruana, abbati tal-Knisja Parrokkjali, u Joseph Sammut, abbati tal-Kunvent tal-Bon Pastur f'Ħal Balzan.





L-abbatini ħallew Malta nhar il-Ħadd, 3 ta' Awwissu, u ġew lura l-Ġimgħa, 26 ta' Settembru. Huma kienu akkumpanjati minn Mons. Carmelo Xuereb u mis-Sur Laurenti, filwaqt li f'Ruma huma kienu taħt id-direzzjoni tal-Kardinal Marella. Din is-sena kienet tabilħaqq konferma ta' kemm s-servizz ta' l-abbatini Maltin huwa apprezzat mill-Papa u l-kleru tal-Bażilka, għax meta din is-sena kien bħal tħassar kollox billi l-Kanonku Ġużeppi Delia, li s-soltu jkollu fi ħsiebu din l-inizjattiva, kien indispost il-Papa wera x-xewqa tiegħu li das-sajf ukoll, bħas-snin l-imgħoddija jerġa' jkollu s-servizz ta' l-abbatini Maltin.

Fost il-ħafna attivitajiet u żjajjar ta' interess li l-abbatini kellhom f'Ruma, żgur li ma jinsew qatt il-laqgħa tagħhom mal-Qdusija Tiegħu il-Papa, li fiha għoġbu jieħu ritratt magħhom ukoll.

Aħna nifirħu liż-żewġ abbatini Balzanin Tonio u Joseph għal din ix-xorti kbira li messithom li jżuru Ruma fis-Sena Mqaddsa, persważi li din iż-żjara tagħhim żgur ma jinsewha qatt.

SPORTS

minn Korrispondent

Għeżież Sportivi Balzanin,

Wara li għaddew ix-xhur tas-sajf, u f'dan iż-żmien ftit li xejn isiru attivitajiet fir-raħal tagħna, wasal iż-żmien illi terġa' tibda l-attivita sportiva permezz tal-'Balzan Youths F.C.'

Wieħed irid ifakkar illi din is-sena t-tim tagħna se jilgħab fir-Raba' Diviżjoni, peress illi s-sena li għaddiet ġejna rrelegati. B'danakollu wieħed m'għandux għax jaqta' qalbu, għax kulħadd jaf illi f'kull sport għandek żmien ta' glorja u żmien ta' tbatija. Issa dak li wieħed għandu jagħmel huwa li jsir sforz sportiv mill-Kumitat — plejers u kowċ — li jiena persważ li dawn diġà bdew jaħdmu, sabiex flimkien ma' kull sportiv Balzani naħdmu sabiex nippruvaw nerġgħu nirbħu l-promozzjoni għat-Tielet Diviżjoni. Dan, skond l-idea tiegħi, jista' jsir għax fit-tim tagħna għandna materjal biżżejjed.

Ħaġa oħra li nixtieq ngħid hija li nieħdu ħsieb it-tim tal-'Minors', għax minn hawn iridu joħorġu l-plejers tat-tim tal-kbar, kif diġà hemm plejers illi għadhom 'minors' sal-lum u jilagħbu mat-tim tar-Raba' Diviżjoni.

Fl-aħħarnett, kelma lis-supporters. Issa huwa ż-żmien tal-prova. Issa għandna nagħtu aktar support lit-tim tagħna, għax issa t-tim l-aktar li għandu bżonna. Għalhekk immorru nissapportjaw lit-tim u nieħdu kollox bi spirtu sportiv.

L-EWWEL PREMJU GĦAL TFAJLA BALZANIJA



Fl-1 ta' Lulju li għadda, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi qassam il-premjijiet li kienu jikkonsistu f'kotba lir-rebbieħa tan-'National Inter-Schools Competition'. It-tqassim tal-premjijiet sar wara l-ftuħ ta' esibizzjoni "Nitgħallmu u Nemmnu" min Dr. F. Chetcuti, Direttur ta' l-Edukazzjoni. Din l-esibizzjoni kienet tikkonsisti f'xogħlijiet minn tfal subien u bniet ta' taħt il-ħdax-il sena li jattendu r-raba', il-ħames, u s-sitt klassi ta' l-iskejjel primarji. Ix-xogħol kellu x'jaqsam max-xandir reliġjuż "Nitgħallmu u Nemmnu", li jsir kull nhar ta' Ġimgħa għal dawn it-tfal minn Dun E. Borg Olivier, l-Ispettur tar-Reliġjon.

Wara x-xandira ta' kull nhar ta' Ġimgħa, it-tfal kienu jiġu mitluba jiktbu fil-qosor fuq is-suġġetti li jkunu semgħu, jiġifieri fuq il-Vanġelu u l-ħajja tal-qaddisin. Għal din il-kompetizzjoni daħlu madwar disgħin skola primarja, fosthom tnejn privati. Ix-xogħol esebit minn kull skola kien magħżul wara li saret kompetizzjoni fost it-tfal ta' dawn it-tliet klassijiet, u hawn insibu li x-xogħol tat-tfajla Josette Rizzo jintgħażel sabiex jieħu parti fin-'National Inter-Schools Competition'.

It-tfajla Josette Rizzo għandha 11-il sena, u toqgħod f'260, Triq il-Kbira. Hija kienet tattendi s-sitt klassi ta' l-Iskola Primarja tal-Bniet ta' Ħal Balzan u Ħal Lija. Ix-xogħol tat-tfajla Josette Rizzo kiseb l-ewwel premju fost it-tfal tas-sitt klassi minn dawn id-disgħin skola. Ta' min ifakkar ukoll li din l-istess tfajla s-sena l-oħra kienet kisbet it-tieni premju fl-istess kompetizzjoni meta kienet għadha allura fil-ħames klassi.

Fil-waqt li nifirħu minn qalbna lil din it-tfajla għas-suċċess li kisbet din is-sena, nixtiqulha li tgħaddi 'l quddiem fl-istudji tagħha issa li Josette bdiet tattendi l-iskola sekondarja.

Fir-ritratt fuq jidher Mons. Arċisqof jagħti l-premju lil Josette Rizzo.

SUĊĊESS F'MONACO GĦAD-DITTA "J. BRIFFA & SONS"

Nixtiequ nifirħu lis-Sur J. Briffa u t-tfal tiegħu Charlie u Tony talli taw esibizzjoni mill-aqwa ta' murtali u logħob tan-nar ieħor fil-Konkors Internazzjonali li sar f'Monaco bejn it-22 ta' Lulju u d-9 t'Awwissu u li fih huma rnexxielhom jiksbu t-tieni post. Unur kbir lil Malta u ferm aktar lil Ħal Balzan!

Xi organizzaturi ta' dan il-Konkors sehlu kienu hawn Malta s-sena l-oħra u raw ħafna xogħol tad-Ditta Briffa and Sons u għalhekk ħajruhom sabiex din is-sena jipparteċipaw fil-Konkors Internazzjonali li għad-disa' darba kien ser isir f'Monaco. Il-pajjiżi l-oħra li ħadu sehem kienu l-Italja, li kisbu l-ewwel post, il-Kanada, Spanja u l-Ingilterra.

Telgħu Monaco Charlie u Tony, li megħjuna minn nies apposta kellhom jaħarqu minn żewġ postijiet fix-xatt nhar il-5 t'Awwissu. Dak in-nhar inzerta ajru mċajpar u qattret ix-xita l-ħin kollu. Ir-riħ kien qed jonfoħ ġmielu wkoll. Għal xi d-disgħa w nofs ix-xita ħdiet u bdew għoxrin minuta ta' spettaklu mill-isbaħ. In-nies ma qatgħux miċ-ċapċip meta raw il-varjeta ta' logħob u l-għażla tal-kuluri li mlew il-bajja kollha. Il-ħornijiet tal-'yachts' bdew idoqqu hekk kif il-funtani ta' matul il-moll intfew u l-logħob l-ieħor kollu spiċċa. L-eluf li kienu preżenti kollha laqgħu din l-esibizzjoni li l-Maltin taw.

Il-gazzetti tal-għada f'Monaco kollha faħħru l-ispettaklu mogħti mid-Ditta Briffa u kollha bassru riżultat tajjeb. Dan kien ta' nkoraġġiment għal Charlie u Tony li l-qagħda tagħhom f'Monaco żgur li jibqgħu jiftakruha.

Dan l-aħħar irċivew uffiċjalment ir-riżultat li juri li huma kisbu (kif kien jixirqilhom) it-tieni post. Wisq nibża' li kieku ma kenitx l-ewwel darba tagħhom illi ħadu sehem, kienu anke jiġġieldu għall-ewwel post kif tabilħaqq għamlu. Nerġgħu nifirħulhom minn qalbna, nixtiqulhom riżultat tajjeb fil-Belġju fejn huma ser ikollhom xi xogħol f'Festival ieħor tal-Logħob tan-Nar, u nisperaw li sena oħra meta huma jerġgħu jieħdu sehem f'Monaco, huma jieħdu l-ewwel premju billi jiġu fl-ewwel post. Dan jagħmel unur lil Ħal Balzan, ir-raħal tagħhom, u jagħmel isem akbar lil Malta, l-art li tathom isimha.

Anthony Fenech

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI — SAQQIJIET, IMHADED, CUSHIONS

U AFFARIJIET OHRA TAL-FOAM

Irrikorru: VITAFOAM MALTA LIMITED
Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

Ibagħtu l-ittri u s-suġġerimenti tagħkom f'dan l-indirizz:—

"Ħal Balzan",
c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan.

ĦSIEB SPIRITWALI:

PROGRAMM TA' TAGĦLIM

Fil-ħarġa tal-gazzetta tagħna ta' Mejju/Ġunju ta' din is-sena kellimtkom fuq il-ħtieġa tat-tagħlim, speċjalment tal-katekiżmu, u wegħidtkom li darba oħra naraw x'nistgħu nagħmlu biex nirrimedjaw għan-nuqqas ta' tagħlim.

Imma, qabel xejn, nixtieq infakkar kemm huwa veru li meta wieħed ikun nieqes mit-tagħlim ma jistax japprezza, biex ma ngħidx ukoll li aktar jasal biex jistmell jew imaqdar, ir-reliġjon tiegħu. Kif tista' tħobb lil Alla jekk ma tafx min huwa? Jekk ma tafx x'għamel u x'qiegħed jagħmel għalik? Jekk ma tagħrafx lil Ġesu' Kristu u t-tagħlim tiegħu, il-ġid li ħadna mill-fidwa tiegħu, il-missjoni tal-Knisja u s-sehem li int, u jien, għandna fiha? Ma jidhirlix li hemm għalfejn inkompli fuq dan. Min irid jifhem, diġa' fehem biżżejjed. "Min għandu widnejn biex jisma', ħa jisma'."

U issa ...... x'sar biex insewwu l-ħsara?

Matul ix-xahar ta' Lulju, Kummissjoni maħtura mill-Kunsill Parrokkjali studjat il-qagħda tat-tagħlim tal-katekiżmu fil-Parroċċa għat-tfal, għaż-żgħażagħ u għall-kbar. Hawn m'inix beħsiebni nidħol fid-dettalji fuq dak li din il-Kummissjoni nnutat rigward din il-problema u fuq is-suġġerimenti li għamlet biex għall-anqas intaffu kemm nistgħu dan in-nuqqas. Ta' min iħabbar, pero', li wara s-suġġerimenti ta' din il-Kummissjoni, qiegħed jiġi mhejji programm ta' tagħlim siewi għall-kategoriji kollha tal-poplu tal-Parroċċa. Dak li fehsiebna nagħmlu, għandna l-ħsieb li nagħmluh bis-serjeta' kollha, bit-tħejjija xierqa biex ikun mill-aktar interessanti u jħalli l-ġid mixtieq. J'Alla nsibu l-kooperazzjoni ta' kulħadd għall-isforzi u l-impenn li qegħdin nagħmlu għall-ġid tal-Parroċċa tagħna, li nixtiquha tkun waħda mill-aħjar Parroċċi ta' Malta.

Il-Kappillan

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Ingħaqdu mal-poplu ta' Alla bil-Magħmudija
Ann Snow, imwielda fl-4 ta' April.
Daniela Vella, imwielda fil-11 ta' Ġunju.
Olivia Compagno, imwielda fit-12 ta' Ġunju.
Donald Mallia, imwieled fil-21 ta' Ġunju.
Adrian Saliba, imwieled fid-29 ta' Ġunju.
Carlo Cachia, imwieled fid-29 ta' Ġunju.
Clive Falzon, imwieled fit-2 ta' Lulju.
Charmaine Bartolo, imwielda fl-4 ta' Lulju
Sean Castillo, imwieled fil-5 ta' Lulju.
Therese Cutajar, imwielda fil-11 ta' Lulju.

Ingħaqdu fl-imħabba fiż-żwieġ nisrani
Arnaldo Caselli u Nancy Bonello, fit-3 ta' Awwissu.

Mill-aħħar ħarġa tal-gazzetta ma miet ħadd mill-Parroċċa, għall-grazzja ta' Alla.

GĦALINA Ż-ŻGĦAŻAGĦ

Ħbieb,

Għall-ewwel darba f'din il-gazzetta ġie mogħti spazju li se jittratta fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu l-aktar mażżgħażagħ. Dan huwa ta' ferħ għalina għax juri li l-ħidma tagħna ż-żgħaażgħ hija apprezzata, u b'hekk se jkollna l-opportunità li niltaqgħu flimkien kull xahrejn fuq il-gazzetta tagħna l-Balzanin.. Ix-xewqa tagħna hi li l-paġna tkun miktuba l-aktar MINNKOM. Kulħadd jista' jipparteċipa b'kull materjal li jaħseb li jkun tajjeb jew ta' valur għal dawn il-ftit linji li għandna flimkien. Nilqgħu ukoll, b'idejna miftuħa, kull suġġeriment jew kritika li kull wieħed minnkom jogħġbu jagħmlilna. Għalhekk ibagħtu l-korrispondenza tagħkom lill-
Editur, Għalina ż-Żgħażagħ.

Paul u Twanny

Nota Editorjali: Nirringrazzjaw lis-Sur Paul Mallia għan-novella ħelwa li bagħtilna u li ma stajniex nippublikaw f'din il-ħarġa minħabba materjal ieħor li kellna għall-pubblikazzjoni; biss niżgurawh li n-novella tidher fil-ħarġa li jmiss.

SER TIŻŻEWWEĠ?
SER TITGĦARRAS?
SER TAGĦMEL XI PARTY?
IS-SALA
"AURORA"
HIJA L-POST IDEALI GĦALIK
BOOKINGS GĦAND IL-KAPPILLAN
TEL. K. 42614

FESTI B'TIFKIRA TA' EGĦLUQ L-400 SENA MIT-TWAQQIF TAL-FRATELLANZA TAS-SS.MU SAGRAMENT F'ĦAL BALZAN

F'din is-Sena Mqaddsa, f'Ħal Balzan u f'diversi parroċċi oħra f'Malta, kien jaħbat egħluq l-400 sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tas-SS.mu Sagrament, li twaqqfu mill-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina fil-Viżta li huwa għamel fl-1575. Għalhekk kienet ħaġa xierqa li din il-ġrajja titfakkar, mhux biss bħala avveniment storiku, imma l-aktar bil-ħsieb li nkattru fina l-ħeġġa u l-imħabba lejn Ġesu' fl-Ewkaristija Mqaddsa.

Fil-Parroċċa tagħna, din il-ġrajja tfakkret b'"Ġimgħa Ewkaristika" mħejjija mill-Kappillan u l-kleru tal-Parroċċa. Il-festi fetħu nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju, b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika għall-kleru u r-reliġjużi kollha tal-Parroċċa. L-omelija saret mill-Mons. Penitenzier Lorenzo Zammit. Għal din is-siegħa adorazzjoni kien mistieden kulħadd.

L-għada, it-Tlieta 27 tax-xahar, saret Ċelebrazzjoni Ewkaristika oħra għat-tfal kollha tal-parroċċa, li fiha saru kelmtejn adattati ħafna minn Dun Ġużepp Zammit. Kienet tassew dehra sabiħa tara dawk it-tfal kollha, bniet u subien, miġburin madwar l-artal imqaddes b'Ġesu' espost għall-qima tagħhom. L-Erbgħa fis-7.30 p.m. saret konferenza bil-filmstrip għal kulħadd fis-Sala Parrokkjali. Fiha ngħata ħafna tagħlim siewi dwar dan is-Sagrament kbir.

Il-Ħamis, 29 ta' Mejju, kien il-jum solenni tal-Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, Corpus. Il-Quddiesa Kantata tad-9.30 a.m. kienet Quddiesa Konċelebrata bil-mużika. Eżattament wara, jiġifieri għall-ħabta tal-10.15 a.m., saret il-Proċessjoni Solenni ta' Ġesu' Ewkaristija li fiha ħadu sehem ħafna reliġjużi, l-għaqdiet kollha tal-Parroċċa u l-każini bl-istandardi tagħhom, u l-poplu kollu. Kienet tabilħaqq dimostrazzjoni ta' fidi u mħabba lejn Ġesu' fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija. Wara l-quddiesa ta' fil-għaxija, imbagħad, saret il-professjoni solenni fil-Fratellanza.

Għall-Ġimgħa, kien hemm Ċelebrazzjoni Ewkaristika oħra, din id-darba għall-imsehbin tal-għaqdiet u l-poplu kollu. L-omelija saret minn Dun Ġwann Dimech.

L-aħħar jum ta' dawn il-festi egħżież kien is-Sibt, 31 mix-xahar, l-aħħar jum ta' Mejju. Il-quddiesa ta' fil-għaxija saret għas-suffraġju ta' dawk kollha, qassisin u sekulari, li ħadmu b'xi mod fil-Fratellanza tas-Sagrament ta' Ħal Balzan. Fis-7.30 p.m. saret Akkademja fil-Knisja, li fiha ħadet sehem l-orkestra, taħt it-tmexxija ta' Mro. Abele Calleja, u l-Kor 'Santa Ċeċilja' tal-Mosta.

L-Akkademja fetħet bil-"Marcia Pontificia" ta' Gounod u l-"Ave Maria" ta' Lorenzo Perosi. Imbagħad sar diskors, "Il-Fratellanza tas-Sagrament f'Ħal Balzan", minn Dun Ġwann Dimech. Wara l-kant tal-"Panis Angelicus" ta' Caesar Franck u l-"Offertorio" ta' Vincenzo Ciappara, tkellem is-Sur Ġużeppi Schembri dwar "L-Ewkaristija, iċ-ċentru tal-ħajja nisranija". Inqraw ukoll iż-żewġ poeżiji sbieħ tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm, "Il-Monument" u "Il-Vjatku". Smajna wkoll l-"Agnus Dei" ta' Georges Bizet u l-antifona ta' l-Annunzjata "Gabriel Angelus" ta' Dr. Paolo Nani. Fl-aħħarnett, il-Kappillan, il-Kan. Carmelo Sciberras, għamel id-diskors ta' l-egħluq, u l-Akkademja spiċċat bl-Innu Nazzjonali.

Ta' min ifakkar li għal din il-ġimgħa l-Knisja żżejnet ferm aktar mis-soltu. Intrama d-damask fil-kor u fil-pilastri maġġuri, u mal-ħitan iddendlu tabelli b'siltiet qosra mill-Evanġelju li jitkellmu dwar l-Ewkaristija Mqaddsa. Dan issokta jgħin sabiex dawn il-festi kommemorattivi jkunu tabilħaqq suċċess.

Nifirħu lill-Kan. Dun Vinċenz Borg, li joqgħod fil-parroċċa tagħna, li għadu kemm irċieva t-titlu ta' Monsinjur. Mons. Borg huwa kanonku tal-Bażilka ta' S. Elena ta' Birkirkara.

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Il-ħrafa tal-lum naħseb li ftit minnkom qatt semgħu biha jew qrawha. Hi ħrafa li min jaħseb ftit fuqha jinduna x'qawwa għandu bniedem ħażin fid-dinja u kemm jista' jagħmel ħsara.

Mela darba, iż-żringiijiet instemgħu jgħajtu u jibku b'qalbhom maqsuma. Alla, meta sema' dak l-agħjat u biki, u ra dawk il-miljuni ta' żringiijiet, bid-dmugħ f'għajnejhom, staqsiehom x'kien ġralhom.

"Ma tafx," qalulu, "li x-xemx ser tiżżewweġ?!"

"B'daqshekk x'fiha ħażin?" weġibhom Alla.

B'leħen wieħed weġbuh: "Għalina fiha ħafna ħażin, għax jekk b'xemx waħda l-agħdajjar kollha jinxfu qoxqox, x'jibqa' minna meta 'l quddiem ix-xemx ikollha t-tfal?"

Tfal għeżież, il-verità li toħroġ minn din il-ħrafa intom stess tarawha b'għajnejkom kuljum, anzi bosta drabi matul il-ġurnata. Infatti ġieli kien hemm tifel wieħed jew tifla waħda, u weħidhom kienu kapaċi jħassru klassi tfal sħiħa. Dan għamluh billi kienu jitkellmu pastaż jew jagħmlu xi ħwejjeġ oħra ħżiena. Mhux l-ewwel darba li ġara li tifel wieħed jew tifla waħda rnexxielhom iħassru l-logħob kollu li kienu qed jilagħbu sħabhom. Waslu għal dan billi meta tilfu ma ridux iċedu jew xewxu lil sħabhom biex ma jkomplux jilagħbu.

Intom, għalhekk, bħala tfal bil-għaqal, kunu dejjem u kullimkien ta' mġieba tajba biex min hu ħażin jiċċanfar bikom, u hekk il-ħażen jonqos u t-tajjeb jiżdied.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Għall-kompetizzjoni ta' din id-darba għandkom ritratt ta' statwa żgħira tal-ġebel li tinsab f'waħda min-niċeċ li hawn imxerrda mar-raħal tagħna. Nafu tajjeb li ħafna huma dawk li ta' spiss igħaddu minn quddiemha. Ix-xogħol tagħkom huwa li twieġbu dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:



1. X'inhu l-isem tal-qaddis li jidher fir-ritratt?

2. Fejn tinsab din l-istatwa?

3. Din l-istatwa għandha xi ħaġa nieqsa. X'inhija?

4. F'liema sena ngħatat indulġenza lil din l-istatwa?

(Nota: Ħarsu tajjeb lejn il-kitba li tidher imnaqqxa qrib l-istatwa.)

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh bħas-soltu lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 18 t'Ottubru, 1975.

It-tweġibiet ta' l-aħħar kompetizzjoni huma: 1. Fl-1925; 2. Erbgħa; 3. Għax il-Kbira ta' dak iż-żmien kienet miksura; 4. £1100; 5. Fid-19 ta' Marzu 1925; 6. Kissruhom biex il-fabbrikant ħa l-bronz tagħhom.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa Pierre Camilleri, li joqgħod 54, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

IL-KOPPLA

• minn paġna 1

l-Koppla. Il-bajjada spiċċaw ix-xogħol tagħhom tat-tibjid tal-Koppla nhar il-15 ta' Awwissu 1707, festa ta' Santa Marija. Nhar it-28 ta' Awwissu 1707 beda l-bini tal-lanterna (9).

Jibda x-xogħol ta' l-iskultura tal-Koppla

Ix-xogħol ta' l-iskultura beda nhar it-3 ta' Settembru 1707. Kienu tlieta l-iskulturi li bdew jaħdmu fil-Koppla. Nafu wkoll li ta' ġurnata xogħol kienu jieħdu bejniethom skud u żewġ tari'. L-għada li bdiet l-iskultura beda jinxtara l-ġibs; għalhekk nhar l-4 ta' Settembru nxtraw tliet sigħan ġibs. (10).

L-iskutelli tal-Koppla u tal-lanterna miksijin

Nhar it-22 ta' Settembru 1707 nġab kwantita' ta' deffun u ta' ġir biex jintuża ħalli jiġu miksija u mballta l-iskutelli tas-soqfa tal-koppla u tal-lanterna. L-għada waslu l-ballata u b'sengħa li ftit kienu jafuha lestew f'qasir żmien dak ix-xogħol ta' kapaċita' u ta' periklu mhux żgħir.

It-twieqi tal-Koppla u tal-lanterna

Waqt li kienet qed tinbena l-lanterna, it-twieqi tal-Koppla kienu ġa kważi lesti. Dawn inħadmu l-Belt u ma kienx faċli tittrasportahom. Tant hu hekk li nġabu mhux imgħaqqdin. Inħadmu mill-mastrudaxxa Giopatist u nġabu Ħal Balzan minn Grezzju Muscat, it-tifel ta' Mikiel. Dan sar nhar it-18 ta' Settembru 1707. Tlett ijiem wara, tħallset issomma ta' tliet skudi u għaxar ħabbiet għal għaxar nofs saratizzi ta' l-aħmar u għall-imsiemer għat-tmien tilari tat-twieqi l-kbar tal-Koppla. It-twieqi tal-lanterna tqiegħdu nhar il-25 ta' Settembru. Jumejn wara tħallas il-kont ta' sebat artal fildiferru ta' Venezja li nxtraw mingħand Mastru Wenzu Grima bil-prezz ta' tliet tari' r-ratal. Nhar id-29 ta' Settembru 1707 tħallas il-kont tal-ħġieġ, stann taċ-ċomb u għat-tqegħid tagħhom, li laħħqu tmienja u erbgħin biċċa kull tieqa, kif ukoll għat-trasport tagħhom mill-Belt. Qamu 9 skudi, 16-il tari' u 16-il ħabba. It-tilari tat-twieqi nżebgħu b'taħlita ta' bjankett, żejt u nugrufun. (11).

Ornament tal-ġebel fuq il-Koppla minn barra

Insibu fil-ktieb tal-kontijiet li nhar it-28 ta' Settembru 1707 beda x-xogħol ta' l-inturnjar tal-balal u tal-piramidi. Dawn kellhom iservu ta' ornament tal-ġebel biex tkompli tiżżejjen il-Koppla minn barra. Insibu wkoll li dawn il-balal u piramidi tagħhom tlestew u tqiegħdu nhar it-23 ta' Ottubru 1707 u biex jitqiegħdu nħlew żewġ sigħan ġibs.

Tul il-lista tal-kontijiet insibu li l-prokuraturi barra milli kienu qed iħallsu għall-materjal, kienu qed iħallsu għall-ikel u għax-xogħol. Ma' dawn insibu li ma jonqos qatt il-kont ta' l-inbid. Insibu li l-ġurnata ta' qabel it-tqegħid ta' l-ornamenti ta' fuq il-koppla, inxtrat nofs kwarta nbid ta' Noto li qamet 5 tari' u 5 grani (8 soldi u 5 ħabbiet) u ħa għaxar ħabbiet min ġab ha mingħand ta' l-inbid. Sa dak in-nhar insibu wkoll il-kontijiet tat-tliet skulturi li kienu qed jiskolpu l-Koppla minn ġewwa. (12).

Ħsarat fit-twieqi tal-Koppla

Mid-dehra l-ħsarat fit-twieqi tal-Koppla u tal-lanterna ma kenux rari. Insibu tant hu hekk li xahrejn wara li tqiegħdu t-twieqi tal-koppla nhar is-27 ta' Novembru 1707, kellhom jiġu mill-Belt il-mastrudaxxa u tal-ħġieġ biex jaraw sewwa għaliex inkisru erba' ħġiġiet minn tieqa tal-Koppla. Dawn bidlu l-ħġieġ u poġġew ċomb ġdid fejn kien meħtieġ. (13).

Insibu wkoll li fl-10 ta' Jannar 1712, f'Marzu 1717, f'Diċembru 1718, u f'Awwissu 1721, tħallsu kontijiet għax-xiri ta' ħġieġ għat-twieqi tal-Koppla u tal-lanterna.

Tempesta tagħmel ħsarat lill-Koppla

Fl-1808 kienet għamlet tempesta qalila ħafna li kissret waħda mit-twieqi tal-Koppla u farrket għal kollox tliet twieqi tal-lanterna. Biex ġew irranġati dawn it-twieqi miksurin, ittieħdu ħamest ijiem. It-tieqa tal-Koppla saret kollha mill-ġdid u bejn injam, ħġieġ u xogħol qamet 35 skud. It-tliet twieqi tal-lanterna sakemm issewwew kellhom jiġu magħluqa bl-injam. (14).

F'Diċembru tal-1845 il-lanterna kellha bżonn ta' tiswija sewwa. Hadmu fiha bennej u żewġ lavranti. Ħaditilhom tlett ijiem xogħol. Il-Prokuraturi, għat-tneħħija tal-ġebel il-qadim, għat-tqegħid tal-ġebel il-ġdid, u għax-xogħol kellhom iħallsu 22 skud. (15).

Is-salib ta' fuq il-Koppla kellu jinbidel ukoll. Għalhekk insibu li l-imgħallem Piju Ebejer qiegħed salib ġdid tal-ġebel li qam 12-il xelin u li tqiegħed nhar it-22 ta' April 1920. (16).



IL-KOPPLA TA HAL BALZAN

REFERENZI

1 BRAUN H.: Works of Art in Malta p. 45.
2 QUENTIN HUGHES; The Building of Malta P. 82 & 93.
3 DIMECH Ġ.; Ħal Balzan Nru 16.
4 DIMECH Ġ.; Ħal Balzan Nru 17.
5 QUENTIN HUGHES: The Building of Mala P. 187.
6 COCCO PALMIERI D.; Visit Past. fol. 251.
7 COCCO PALMIERI D.; Visit Past. fol. 14.
8 ARKIVJU PARROKKJALI Lib. 8.
9 Ibid Cit.
10 Ibid Cit.
11 Ibid Cit.
12 Ibid Cit.
13 Ibid Cit.
14 ARKIVJU PARROKKJALI Lib. 48 p. 141
15 ARKIVJU PARROKKJALI Lib. 26
16 ARKIVJU PARROKKJALI Lib. 29

ISQFIJIET TA' MALTA U GHAWDEX LI GHEXU F'HAL BALZAN

L-Isqof Mons. Pietro Pace (1831-1914) li qatta' ħafna żmien f'Ħal Balzan bejn l-1889 u l-1914.

Sur Editur,

Ma nafx jekk qatt sarx studju fuq l-isqfijiet ta' Malta u Għawdex li għexu f'Ħal Balzan. Isqof li kien igħix f'dan ir-raħal għal bosta żmien kien l-Isqof Mgr. Pietro Pace (1831-1914). Mgr. Pace kien Isqof t'Għawdex mill-1877 sal-1889, u meta ġie maħtur Isqof ta' Malta fl-1889, minflok li mar igħix fil-palazz ta' l-Isqof il-Belt, ħa d-dar fil-pjazza l-kbira ta' Ħal Balzan li llum magħrufa bħala 'Casa Pace' u mar joqgħod fiha mal-familja tan-neputi tiegħu Francesco Saverio Pace. Ma hemm ebda dubju li l-Isqof Pace għex f'din id-dar għal perjodi twal ma' tul 25 sena, bejn l-1889 u l-1914.

Aktar tard ukoll ġie joqgħod f'din id-dar għal xi ftit żmien l-Isqof t'Għawdex, Mgr. Giuseppe Pace (1890-1973) li kien jiġi mill-Isqof Pietro Pace.

Forsi xi qarrejja tiegħek jistgħu jagħtu xi ħjiel ieħor fuq Isqfijiet li għexu f'Ħal Balzan.

Casa Pace
Balzan

Professur J.L. Pace, M.D.

BEJNIETNA N-NISA

DJALOGU FIL--FAMILJA

Nisthajjel li ħadd ma jista' jiċħad, jekk għandu ċerta eta', li l-ħajja f'dawn l-aħħar tletin sena tbiddlet ħafna. Anzi nistgħu ngħidu li dan it-tibdil, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed isir b'ritmu mgħaġġel, sakemm wasalna fi stat li r-ritmu qawwi ta' dawn il-bidliet qed iwassal lil ħafna nies, li jaqtgħu qalbhom, jikkonfondu, u anqas biss japprezzaw x'qed jiġri madwarhom.

Ħafna nies, minħabba din il-konfużjoni li jkollhom, jaqtgħu qalbhom u jinfexxu biss fi tgemgim kontra d-dinja tal-lum, u ma jippruvaw jagħmlu xejn biex jaddattaw irwieħhom għaż-żmenijiet ġodda.

M'huwiex l-iskop ta' din ir-rokna tal-familja li nsibu t-tweġibiet għad-diffikultajiet kollha li wieħed jista' jiltaqa' magħhom. L-għan tagħna huwa li nuru kif, jekk wieħed għandu r-rieda tajba u jieqaf biex jirrifletti, jista' jlaħħaq mad-dmirijiet tiegħu fil-familja, u jibni sisien f'saħħithom kemm għall-ġejjieni ta' wliedu, u kemm għal dik li hija l-għaqda li għandu jkun hemm bejn żewġ miżżewġin.

Ħadd ma jista' jiċħad ukoll li fost it-tibdiliet importanti u pożittivi li saru, kien hemm dik li affettwat is-sehem li għandha l-mara mhux biss fit-tmexxija tal-familja, iżda wkoll fis-soċjeta'. Illum il-mara għandha l-istess importanza li għandu r-raġel f'dik li hi t-tmexxija tal-familija, u l-ebda raġel li jidhirlu li huwa intelliġenti ma għadu jgħid li post il-mara huwa fil-kċina biss — li xogħolha huwa biss li ssajjar, tnaddaf, tħit u tieħu ħsieb it-tfal.

Għaldaqstant, din ir-rokna mhix se tkun dedikata biss għan-nisa jew għall-irġiel, iżda għall-familja — jiġifieri għal dawk kollha li jieħdu bis-serjeta' t-tmexxija tal-familja tagħhom u li jixtiequ jaraw iż-żwieġ tagħhom jissaħħaħ u 'l uliedhom jitilgħu rġiel u nisa ta' karattru.

Fost is-suġġetti li beħsiebni nikteb fuqhom fil-ħarġiet li ġejjin, hemm "L-Ewwel Snin taż-Żwieġ", "Tmexxija tal-Familja", "Djalogu bejn il-Mara u r-Raġel", "Djalogu bejn Ġenituri u Wlied", "L-Edukazzjoni Sesswali".

Biex tassew noħolqu djalogu bejnietna, nistieden il-qarrejja li jkollhom xi mistoqsijiet ta' natura ġenerali jew xi suġġerimenti, biex jiktbu lill-Editur u aħna nagħmlu mill-aħjar biex inweġbukom.

D.S.

MARBLE STONE INDUSTRY
Sculptor: JOHN SAMMUT
DEALER OF ALTARS, TOMBS, MONUMENTS, ETC.
AT VERY MODERATE PRICES
CALL AT:
190, FLEUR-DE-LYS ROAD
BIRKIRKARA
OR:
"GLORIOSA", BORG SRTEET,
FLEUR-DE-LYS, BIRIRKARA.
Tel. No. 41072

EL GRECO STUDIO
6, POPE URBANUS VIII STREET,
BALZAN
FOR FINE PAINTINGS
ON CANVAS
LANDSCAPES, PORTRAITS,
AND MALTA SCENES.